# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **836/2023**

## BANK OF VALLETTA P.L.C. (C 2833)

**VS**

## ADRIAN JOHN U AUDRIENNE MIŻŻEWĠIN ATTARD
## (KI 296478(M) U 138479(M))

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tnax (12) ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' debitu dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimati fl-ammont ta' tliet mija u tmienja u għoxrin elf, ħames mija u erba' Ewro u disgħin ċenteżmu (€ 328,504.90), u imgħax ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Lulju 2023.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju 2023, Johanna Bartolo, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti **Bank of Valletta p.l.c.** ikkonfermat is-segwenti bil-ġurament tagħha:

   a. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 11 ta' Marzu 2011 (Dok "A") u fi skrittura privata datata 9 ta' Novembru 2019 (Dok "B"), is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilita' bankarja lill-konvenuti Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard;*

   b. *Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard fis-somma ta' tliet mija u tmienja u għoxrin elf, ħames mija u erba' Ewro u disgħin ċenteżmu (€328,504.90) bilanċ għad-debitu fil-"Home Loan, Credit Card Loan Current u Budget Accounts" ta' Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard (Dok "C1 sa C6", Dok "D1 sa D6", Dok "E", Dok "F1 sa F2" u Dok "G1 sa G2"), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Lulju 2023 sal-jum tal-pagament effettiv;*

   c. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A" sa "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard:*

      *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi;*

d. *Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

e. *Illi l-konvenuti Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 8 ta' Mejju 2023, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u immarkata Dok "H" sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huma baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant il-Bank rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsmmija kuntratt u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi; u*

ii. *Tikkundanna lil Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard iħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tliet mija u tmienja u għoxrin elf, ħames mija u erba' Ewro u disgħin ċenteżmu (€328,504.90) bilanċ għad-debitu fil-"Home Loan, Credit Card Loan, Current u Budget Accounts" ta' Adrian John u Audrienne miżżewġin Attard (Dok "C1 sa C6", Dok "D1 sa D6", Dok "E", Dok "F1 sa F2" u Dok "G1 sa G2"), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Lulju 2023 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 8 ta' Mejju 2023 u tal-Mandat ta' Sekwestru li ġie preżentat kontestwalment kontra l-konvenuti;*

4. Il-konvenuti ġew debitament notifikati nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2023, iżda naqsu milli jippreżentaw risposta fit-terminu lilhom konċess, b'dana għalhekk illi din il-Qorti kif diversement presjeduta ddikjarat illi l-konvenuti kienu jinsabu fi stat ta' kontumaċja waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2024;

5. B'assenjazzjoni ta' din il-kawża wara astensjoni maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Imħallef ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Frar 2024, il-kawża odjerna ġiet assenjata biex tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta;

6. Din il-Qorti kif presjeduta kkonfermat illi l-intimati kienu fi stat ta' kontumaċja waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'April 2024, wara illi nnotat mill-atti illi ma kienet ġiet preżentata l-ebda risposta.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi datat wieħed u tletin (31) ta' Lulju 2023, u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Rat illi l-konvenuti ġew dikjarati fi stat ta' kontumaċja;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dorianne Tanti** waqt is-seduta tal-Ġimgħa, dsatax (19) t'April 2024[1];

10. Rat illi l-konvenuti ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet entro t-terminu lilhom konċess mill-Qorti;

11. Rat illi l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 71 *et seq* tal-proċess

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>Stat ta' Kontumaċja</u>*

13. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenuti fil-kawża odjerna;

14. L-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentativi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizazzjonijiet oħra mill-Qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. [...]*
>
> *[...]*
>
> *(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-*

*iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.*

15. Fil-każ odjern, l-intimati ġew notifikati bir-rikors ġuramentat u l-avviż ta' smigħ nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2023, u bid-digriet ta' din il-Qorti kif presjeduta dwar ir-riappuntament tal-kawża nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2024;

16. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

*158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

*[...]*

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il*

*darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li  jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

17. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-konvenuti jinsabu fi stat ta' kontumaċja;

18. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenuti kellhom il-possibilta' illi jġibu prova għas-sodisfazzjon tal-Qorti ta' raġuni tajba illi għaliha naqsu millli jippreżentaw risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tagħhom bir-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[2], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[3], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

[2] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[3] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

(4) *Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

(5) *L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

(6) *L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

(7) *Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

(8) *L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

19. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja <u>jidher</u> personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. <u>Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita'</u>*

*gudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

20. Fil-każ odjern, il-konvenuti jitqiesu illi kienu ben konxji tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kellha pretensjoni fil-konfront tagħhom, għaliex ġew notifikati bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenuti kellhom raġuni valida illi għaliha ddeċidew illi ma jintavolawx risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti kellhom mill-inqas jaraw illi jidhru huma stess u/jew ikunu rappreżentati waqt is-seduti sabiex jitolbu l-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien biex jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom. Saħansitra anke meta ġie konċess terminu illi fih setgħu jagħmlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom, il-konvenuti naqsu milli jagħmlu dan, u għażlu minflok illi jibqgħu siekta. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi l-konvenuti ġabu prova illi kien hemm xi kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha din il-Qorti tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

21. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[4], fejn ġie senjalat illi:

---

[4] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* ***Kollez. Vol. XXIX P III p 35****;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenuti qegħdin jitqiesu bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenuti naqsu milli jirrispondu tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli jattendu għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

*B. <u>Il-Mertu tal-Kawża</u>*

22. Mill-provi prodotti mis-soċjeta' attriċi, din il-Qorti tosserva s-segwenti:

a. Permezz ta' kuntratt datat ħdax (11) ta' Marzu 2011 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Bartolomeo Micallef (**Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 6 *et seq* tal-proċess), is-soċjeta' rikorrenti tat b'self lill-intimati s-somma ta' mitejn u wieħed u disgħin elf, ħames mija u sitta u sebgħin Ewro (€291,576), bil-kundizzjoni, *inter alia*, illi jekk *"il-Klijenti* (cioe l-intimati) *jonqsu milli jħallsu kwalunkwe somma kemm ta' kapital kif ukoll ta' imgħax, drittijiet jew spejjeż, dovuti minnhom skond dan l-att fil-ħin u bil-mod indikat f'dan il-att"*, *"fi kwalunkwe ħin wara, il-Bank jista' b'avviż lill-Klijenti, jiddikjara illi s-self huwa dovut u pagabbli minnufih, u f'dan il-każ is-self isir dovut u pagabbli flimkien ma' l-imgħax dovut u kwalunkwe ammont ieħor pagabbli skond dan il-att"*;

b. Ili bi skrittura privata datata disgħa (9) ta’ Novembru 2019 (**Dok B** anness mar-rkors promotur, a fol 12 *et seq* tal-proċess), peress illi l-konvenuti ma kinux ħallsu l-ammont dovut fil-kont bankarju bin-numru 40188750003647019, dan id-dejn kien qed jiġi trasferit fi *Credit Card Loan Account*, bil-kundizzjoni illi d-dejn kellu jitħallas f’pagamenti mensili fuq sentejn, u illi, *“The loan shall become immediately due and payable together with interest and charges thereon upon the occurrence of any of the events of default listed in the attached form ADV27”*. Waħda minn dawn l-*events of default* kienet illi, *“il-Klijenti jonqsu milli jħallsu kwalunkwe somma kemm ta’ kapital kif ukoll ta’ imgħax, drittijiet jew spejjes, dovuti minnhom skond dan il-kuntratt fil-ħin u bil-mod indikat f’dan il-kuntratt”* filwaqt illi oħra kienet illi *“il-Klijenti jiksru jew jonqsu milli josservaw l-obbligi u l-wegħdiet espressi bħala assunti minnhom f’dan il-kuntratt”*;

c. L-*istatement of account* tal-konvenuti għall-*Home Loan* kont numru 40019569165 (**Dok C1 sa C6** a fol 16 *et seq* tal-proċess) juri illi minn Jannar 2020 ‘il quddiem, il-pagamenti da parti tal-konvenuti kienu sporadiċi, u mhux konsistenti, filwaqt illi l-aħħar pagament sar f’Marzu 2021. Biss biss, fit-tletin (30) ta’ Ġunju 2023 kien għadu dovut kapital fis-somma ta’ €213,771.95 u imgħax fis-somma ta’ €50,951.10;

d. L-*istatement of account* tal-konvenuti għall-*Home Loan* kont numru 40019569877 (**Dok D1 sa D6** a fol 22 *et seq* tal-proċess) juri illi minn Jannar 2020 ‘il quddiem, il-pagamenti da parti tal-konvenuti lanqas kienu konsistenti, u l-aħħar pagament sar f’Diċembru 2022. Fit-tletin (30) ta’ Ġunju 2023 kien għadu dovut kapital fis-somma ta’ €33,658.02 u imgħax fis-somma ta’ €7,466.49;

e. L-*istatement of account* tal-konvenuti għall-*Credit Card Loan* kont numru 40026141534 (**Dok E** a fol 28 tal-proċess) juri illi l-aħħar pagament sar f’Ottobru 2020, u minn dakinhar ma reġax kien hemm pagamenti oħra, b’dana illi fit-tletin (30) ta’ Ġunju 2023 kien għadu

dovut kapital fis-somma ta' €14,986.29 u imgħax fis-somma ta' €3,293.65;

f. L-*istatement of account* għall-*Current Account* kont numru 40012816271 f'isem il-konvenut Adrian J Attard (**Dok F1 u F2** a fol 29-30 tal-proċess) juri illi bejn l-ewwel t'Ottubru 2019 u t-tletin (30) ta' Ġunju 2023 saru biss tliet depożiti, filwaqt illi t-transazzjonijiet l-oħra kienu kollha kreditu fuq l-istess kont, b'dana illi fit-tletin (30) ta' Ġunju 2023 kien għadu dovut kapital fis-somma ta' €2,192.48 u imgħax fis-somma ta' €149.86;

g. L-*istatement of account* għall-*Budget Account* kont numru 40011442808 f'isem il-konvenuta Audrienne Attard (**Dok G1 u G2** a fol 31-32 tal-proċess) juri illi bejn Lulju 2019 u t-tletin (30) ta' Ġunju 2023 saru biss ħames depożiti, filwaqt illi t-transazzjonijiet l-oħra kienu kollha kreditu fuq l-istess kont, b'dana illi fit-tletin (30) ta' Ġunju 2023 kien għadu dovut kapital fis-somma ta' €1,669.38 u imgħax fis-somma ta' €365.67;

h. Għaldaqstant jirriżulta dovut l-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti, cioe €328,504.90;

i. B'ittra uffiċjali ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja (8) ta' Mejju 2023 u debitament notifikata lill-konvenuti nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2023 (**Dok H** a fol 33 *et seq* tal-proċess), is-soċjeta' attriċi informat lill-konvenuti illi l-ammonti fl-*istatements* suriferiti kienu saru dovuti u kellhom jitħallsu fi żmien jumejn;

j. **Dorianne Tanti**, fix-xhieda tagħha, ikkonfermat bil-ġurament illi l-bilanċ fis-somma ta' €328,504.90 kien għadu kollu dovut, flimkien mal-imgħax ulterjuri li baqa' jiddekorri u għandu jkompli jiddekorri sal-ġurnata tal-pagament[5];

[5] A fol 72 tal-proċess

23. Minn dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti ma tista tasal għall-ebda konklużjoni għajr illi l-ammont kif pretiż huwa effettivament dovut, u dan b'mod partikolari tenut kont illi **<u>l-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti ma ġiet fl-ebda punt kontestata mill-konvenuti fil-mori tal-proċeduri odjerni</u>**. Dan minkejja illi ngħataw kull opportunita' minn din il-Qorti sabiex jagħmlu dan;

24. Din il-Qorti, għalhekk, hija tal-fehma illi s-soċjeta' attriċi rnexxiela tipprova illi hija debtriċi tal-konvenuti fl-ammont ta' tliet mija u tmienja u għoxrin elf, ħames mija u erba' Ewro u disgħin ċenteżmu (€ 328,504.90), kif ukoll illi l-konvenuti naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' attriċi kif stipulat fil-kuntratt tal-ħdax (11) ta' Marzu 2011 u fl-ittra tad-disgħa (9) ta' Novembru 2019, u li konsegwentement is-soċjeta' attriċi għandha dritt illi titlob il-ħlas tal-bilanċ pendenti dovut fuq is-self mogħti lill-konvenuti, inkluż l-imgħaxijiet dovuti fuq l-istess bilanċ sad-data tal-pagament.

**Decide**

25. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tas-soċjeta' attriċi, u għalhekk **<u>tiddikjara u tiddeċiedi</u>** illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata imsemmija (esebiti mar-rikors promotur bħala Dok A u B rispettivament), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tas-soċjeta' attriċi u **<u>tikkundanna</u>** lill-konvenuti jħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tliet mija u tmienja u għoxrin elf, ħames mija u erba' Ewro u

disgħin ċenteżmu (€ 328,504.90), flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-tletin (30) ta' Ġunju 2023 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, tal-ittra uffiċjali datata tmienja (8) ta' Mejju 2023, u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat odjern, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**